**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**Magistrat Dr. Monica Vella LL.D., M.Jur**

**Il-Pulizija**
**(Spt. William Scicluna)**

**Vs**

**Khamis Mohamed Elghaly Fahmy Abouhegazy**

**Illum, 23 ta' Gunju, 2016**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra **Khamis Mohamed Elghaly Fahmy Abouhegazy**, detentur passaport bin-numru A06541056

Akkuzat talli:

> fis-17 ta' Mejju 2016 ghall-habta tal-17.30hrs fl-ajruport internazzjonali ta' Malta, waqt li kien ser jitlaq fuq titjira TK 1372 lejn Istanbul, xjentementa naqas li jiddikjara li kellu fil-pussess tieghu aktar minn ghaxart elef Ewro (€10,000) lill-Kontrollur tad-dwana, ai terminu ta' l-A.L 149 ta' l-2007 (L.S 233.07) dwar il-Kontroll ta' flus;

Din l-Onorabbli Qorti hija gentilment mitluba sabiex f'kaz ta' htija tordna lill-imputat sabiex ihallas l-ispejjez kollha li ghandhom x'jaqmsu mal-hatra tal-esperti, ai termini tal-artikolu 533 tal-Kodici Kriminali, Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Din l-Onorabbli Qorti hija mitluba ukoll sabiex f'kaz ta' htija, barra milli tinfliggi l-piena skont il-ligi tordna l-konfiska favur il-gvern ta' Malta l-flus mhux dikjarati li jeccedu l-l-ghaxar t'elef(€10,000);

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali tat-18 ta' Mejju 2016 sabiex jittiehdu procedimenti kriminali kontra l-imputat;

Rat id-dokumenti esebiti;

Semghet ix-xhieda u qieset il-provi kollha prodotti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet;

Rat il-verbal tal-udjenza tal-10 ta' Gunju 2016 fejn il-kawza thalliet ghas-sentenza ghal-lum;

Ikkunsidrat:

Illi fil-kaz odjern l-imputat qed jigi akkuzat illi waqt li kien se jitlaq fuq titjira TK 1372 lejn Istanbul, xjentement naqas li jiddikjara li kellu fil-

pussess tieghu flus kontanti f'ammont aktar minn ghaxart elef Ewro u cioe' aktar mil-limitu permess mil-Ligi.

Illi meta mwaqqaf mill-Ufficjali tad-Dwana ta' l-ajruport, wara li kien ghadda mill-*Immigration Police Control* u kien qed jistenna biex jitla' fuq l-ajruplan, l-imputat gie mistoqsi kellux xi flus x'jiddikjara u wiegeb illi ghandu tmint elef u seba' mitt Ewro (€8,700). Izda meta saret tfittxija fuqu rrizulta illi fil-fatt kellu fuqu ghoxrin elf u sitt mija u hamsin Ewro (€20,650). Dan kif xehdu l-Ufficjali tad-Dwana Anthony Cutajar u Matthew Cesareo. Dan gie konfermat ukoll mill-Ispettur Prosekutur. L-imputat ma ta l-ebda spjegazzjoni ghalfejn ma ddikjarax dawn il-flus.

L-istess Ufficjal tad-Dwana Cutajar spjega illi "qabel l-*immigration control* hemm tabelli li jindikawlek li jekk ghandek aktar minnn ghaxart elef Ewro trid tiddikjarahom lil tad-Dwana". Dawn it-tabelli jinstabu wkoll fid-*departure lounge*. Spjega wkoll illi f'kaz li xi hadd ma jifhimx it-tabelli, illi huma bil-Malti u bl-Ingliz, seta' jistaqsi fl-ufficcju taghhom li ghandhom hemmhekk stess u cioe' qabel l-*immigration control* u jiehu l-informazzjoni minn hemm. Dan l-ufficcju jkun miftuh 24 siegha kuljum. Il-prosekuzzjoni ghalhekk pruvat illi f'dik iz-zona ta' l-ajruport hemm avvizi kemm bil-Malti kif ukoll bl-Ingliz li jindikaw li jekk wiehed qed igorr aktar minn ghaxart elef Ewro ghandu jaghmel dikjarazzjoni, kif ukoll li hemm servizz f'dan ir-rigward 24 siegha kuljum hemmhekk stess.

Il-prosekuzzjoni u l-Ufficjali tad-Dwana jghidu li ghalkemm l-imputat ma kkomunikax bl-Ingliz, setghu jikkomunikaw tajjeb bil-Malti ma' l-imputat. U deher li qed jifhem dak li kien qed jigi mistoqsi u dak li kien qed jigri. Izda meta ttiehed il-Kwartieri Generali tal-Pulizija ghal aktar stharrig, l-imputat talab interpretu.

Illi d-difiza tibbaza d-difiza taghha fuq il-fatt illi l-intimat allegatament ma jafx jaqra u jikteb la bil-Malti u lanqas bl-Ingliz. U fil-fatt kellu jitqabbad interpretu. Illi d-difiza tghid ukoll illi l-flus li kellu fuqu, ma kinux tal-imputat biss izda wkoll ta' diversi nies ohra li jahdmu fuq l-istess dghajsa mieghu u li hu kien se jwassalhom lill-familjari taghhom. Illi l-uniku xhud tad-difiza huwa hu l-imputat stess. L-imputat ghazel li ma jixhidx kif ghandu dritt illi jaghmel, izda b'hekk naqas illi jikkonferma din id-difiza tieghu. Fl-istess hin ma tella' lil hadd minn dawn in-nies li allegatament fdawh bil-flus taghhom sabiex jikkonfermaw din it-tezi. Meta hu l-imputat gie mistoqsi jekk dawn in-nies humiex familjari tal-imputat dan wiegeb fin-negattiv izda qal li l-imputat ghandu l-fiducja taghhom.

Illi waqt l-istqarrija tieghu l-imputat jghid li ilu jahdem f'Malta ghal dawn l-ahhar hames, sitt snin. Huwa ghalhekk inverosimili u difficli ghal din il-Qorti illi temmen li l-imputat f'dawn is-snin kollha ma tghallimx u ma jifhimx il-lingwa Maltija. Apparti l-fatt illi meta kien fl-ajruport ma kellu l-ebda diffikulta' biex jikkomunika bil-Malti ma' l-Ufficcjali tad-Dwana u mal-Ispettur. Oltre dan in-nuqqas t'gharfien tal-ligi ma hiex skuzanti ghall-kummissjoni ta' reat.

Dan apparti din il-Qorti ma hiex konvinta li l-imputat ma kienx jaf x'inhu jaghmel u cioe' li kien qed jikkommetti reat. Dan ghaliex komodament meta mistoqsi kemm qed igorr flus, l-imputat semma cifra ta' tmint elef u seba' mitt Ewro (€8,700), u cioe' ftit anqas mil-limitu koncess mil-ligi.

Ghal dawn ir-ragunijiet il-Qorti ssib li l-Prosekuzzjoni pruvat il-kaz taghha ampjament u konsegwentament qed issib lill-imputat hati tal-akkuza kif migjuba kontra tieghu.

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reat li tieghu qieghed jinstab hati l-imputat.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti, wara li rat l-artikoli (3) paragrafu (4) ta' tal-Avviz Legali 149 ta' l-2007 issib lill-imputat hati ta' l-imputazzjoni migjuba kontra tieghu u tikkundannah multa ta' erbat elef mija u sittin Ewro (€4,160). Il-Qorti tordna wkoll il-konfiska favur il-Gvern tal-flus mhux dikjarati li jeccedu l-ammont ta' ghaxart elef Ewro (€10,000).

Il-Qorti spjegat lill-imputat fi kliem ordinarju l-import ta' din is-sentenza.

***(ft) Magistrat Dr. Monica Vella LL.D, M. Jur.***

(ft) Angelo Buttigieg
Deputat Registratur